Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 3/2013/1AE

**Salvatore u Grace Mercieca**

**Vs**

**David Borg**

L-Erbgha, 16 ta' Dicembru, 2015.

Permezz ta' avviz ta' talba prezentat quddiem it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi, l-atturi talbu l-hlas ta' €2,643 ghad-danni li qalu li sofrew minhabba xoghol hazin li ghamel il-konvenut fit-tqeghid ta' madum fir-residenza taghhom 33, Gardenia, Triq P. Guze Delia, Balzan.

Il-konvenut wiegeb li x-xoghol li ghamel kien skond is-sengha u l-arti, li ma thallasx tieghu u li s-somma pretiza hi ezagerata.

B'sentenza tas-16 ta' Mejju 2013, it-Tribunal laqa' *in parte* t-talba tal-atturi u kkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' sitt mitt ewro (€600) danni li llikwida *ex aequo et bono*, bl-ispejjez tal-proceduri kontra l-konvenut. It-Tribunal:

i. Addotta l-opinjoni tal-perit tekniku Vincent Ciliberti li kien ikkonkluda li l-madum *"… tqieghed b'mod li fis-sengha tat-tqeghid tal-madum mhux accettabbli u certament mhux skond is-sengha u l-arti"*.
ii. It-talba tal-atturi li jitolbu l-hlas kollu tal-madum hi ezagerata mehud in konsiderazzjoni c-cirkostanzi tal-kaz.

L-atturi appellaw mis-sentenza fejn ilmentaw:

Min-nuqqas ta' applikazzjoni ta' dak li jipprovdi l-Artikoli 73 u 76 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kapitolu 378), fejn hemm konferma cara illi xoghol mhux esegwit skond l-arti u s-sengha jgib responsabbilta' fuq il-konvenut illi jew jirranga x-xoghol jew jirrimedja u jpoggi lill-attur fil-posizzjoni li kien fiha qabel. Ladarba t-Tribunal ghamel tieghu l-konkluzjonijiet tal-perit tekniku, kull dannu kellu jaghmel tajjeb ghalih il-konvenut. M'huwiex gust li t-Tribunal jiffissa danni fis-somma ta' €600.

Ladarba skond l-espert li l-madum kellu jinqala kollu, bil-konsegwenza li kellu jitkisser, kien car ukoll illi trid thallas in-nies sabiex jaqilghuh u jarmuh, l-ammont ta'

madum mhux imwahhal ma kienx ser jaqbel u seta' jigi kkonsenjat lura lill-intimat. Illi l-aggravju huwa li mhux biss l-ammont pretiz ma kienx ezagerat izda illi l-ammont likwidat certament ma jaghmilx sens.

Mill-provi rrizulta x'kienu l-ispejjez u hlasijiet li ghamlu l-atturi, u t-Tribunal kellu jikkundanna lill-konvenut ihallas dawk l-ammonti. It-Tribunal ma setax jaqbel mal-konkluzjonijiet tal-perit tekniku, jiddikjara li l-konvenut naqas fl-inkarigu tieghu, u mbaghad jiddikjara li l-ammont pretiz hu ezagerat. L-atturi ilhom kwazi sentejn ighixu f'darhom f'dik is-sitwazzjoni u l-perit tekniku kkummenta wkoll dwar il-possibilta' li jigu kkumpensati ghad-danni morali.

L-atturi komplew li kull ma jridu hu li jithallsu dak li effettivament nefqu sabiex jerghu jixtru l-madum u jitwahhal minn persuna tas-sengha. Dak il-madum li ma twahhalx jista' jigi ritornat lill-konvenut. Ziedu li d-danni pretizi huma €2,500 prezz tal-madum, €932 kiri ta' garaxx sabiex izommu l-ghamara zarmata, €192 spejjez tar-rapport tal-perit u ammont li jigi ffissat arbitrio boni viri sabiex jaghmel tajjeb ghall-ispejjez biex jinqala' l-madum.

Il-konvenut wiegeb li fir-rigward tal-meritu, is-sentenza appellata hi gusta u ghandha tigi kkonfermata. Il-konvenut ippropona wkoll appell incidentali fejn l-aggravji huma li giet michuda:-

1. Is-sottomissjoni tieghu li l-atturi ma ottemperawx ruhhom ma' dak li jiddisponi l-Artikolu 79 tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta u kwindi ma setghux jiehdu l-beneficcju tar-rimedji minnhom mitluba;
2. Eccezzjoni ulterjuri u sottomissjoni illi l-atturi ma kellhomx legittimazzjoni attiva fil-proceduri minnhom istitwiti billi ma xtrawx il-madum in kwistjoni li nxtara minn Schranz Limited.

Ghalkemm mill-atti jirrizulta li l-atturi gew notifikati bl-appell incidentali[1], madankollu ma wiegbux.

Il-qorti rat l-atti.

Il-kaz jitratta dwar ftehim li bih l-atturi nkarigaw lill-konvenut sabiex ipoggi madum tal-art fid-dar taghhom, 33, Gardenia, Triq Guze Delia, Balzan. Il-madum inxtara minghand Bollicine Ltd u l-atturi jsostnu li x-xoghol tal-konvenut ma sarx skond is-sengha u l-arti u jippretendu minghandu s-somma ta' €2,643. Jirrizulta wkoll li l-konvenut kien hareg kont ghax-xoghol li ghamel ghas-somma ta' €878.48 li baqa' ma thallasx. Mill-provi rrizulta li x-xoghol ma tlestiex ghaliex wara cirka hmistax-il

[1] Riferti a fol. 40.

jum l-atturi waqfu lill-konvenut.

It-Tribunal kien inkariga lil Vincent Ciliberti bhala perit tekniku li kkonkluda li l-madum *"[….] tqieghed b'mod li fis-sengha tat-tqeghid tal-madum mhux accettabbli u mhux skond is-sengha u l-arti"*, ghaliex hemm:

- Diversi postijiet fejn il-fili bejn il-madum m'huwiex l-istess.
- Madum mhux livellat kif suppost, fil-fatt hemm irjus tal-madum li hu elevat aktar fuq il-madum ta' hdejh.
- Il-qtugh tal-madum twettaq b'mod xejn unit u b'distanzi varji bejn il-madum u l-hitan. Fl-entrata wkoll wara s-soll tal-bieb ta' barra, il-maduma nqatghet skarsa.
- Fl-entrata l-madum gie estiz fis-soll li mill-entrata hdejn it-tarag, iwassal ghal kamra.

**<u>Appell tal-atturi</u>**.

L-atturi lmentaw li t-Tribunal naqas milli japplika l-Artikolu 73 u 76 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378), *"fejn hemm konferma cara illi xoghol mhux esegwit skond l-arti u s-sengha jgieb responsabbilta fuq l-intimat illi jew jirranga x-xogholijiet jew jirrimedja u jpoggi l-attur appellanti fil-posizzjoni li kien fiha qabel"* (fol. 2).

Il-provvedimenti li rriferew ghalihom l-atturi japplikaw f'kaz ta' bejgh. Tant hu hekk li qeghdin taht dik il-parti tal-Att intestata ***"Bejgh ta' oggetti lil konsumaturi"***. L-Artikolu 72(3), li jinsab fl-istess Taqsima bhal provvedimenti li fuqhom l-atturi bbazaw l-appell, jipprovdi:-

*"Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima ghandhom ikunu japplikaw ghal **kuntratti ta' bejgh ta' oggetti lil konsumaturi** maghmula jew esegwiti wara l-bidu fis-sehh ta' din it-Taqsima"*.

Il-kaz in ezami m'ghandu x'jaqsam xejn ma' bejgh ta' oggetti[2]. Ghalhekk ir-riferenza ghall-Artikoli 73 u 76 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, hi ghal kollox barra minn lokha.

It-Tribunal illikwida d-danni fis-somma ta' €600. L-atturi lmentaw li:-

*"... gialadarba kien **car u konkluz mill-espert li l-madum kellu jinqala' kollu**, bil-konsegwenza li kellu jitkisser, kien car ukoll illi trid thallas in-nies sabiex jaqilghuh u jarmuh, l-ammont ta' madum mhux imwahhal ma kienx ser jaqbel u seta' jigi kkonsenjat lura lill-intimat…."* (fol. 3).

---

[2] Skond l-Artikolu 72 'oggetti' tfisser *"… kull bicca proprjeta mobbli li tkun **tangibbli**"*.

Il-qorti tosserva li fl-ebda parti tar-rapport ma jinghad li minhabba l-kwalita' tax-xoghol, il-madum ghandu jinqala' kollu. Inoltre, m'hemmx prova cara li jekk kellu jinqala' l-madum fejn sar ix-xoghol difettuz, ma setax jigi rimpjazzat b'madum tal-istess tip.

L-atturi lmentaw ukoll li:-

*"... huma hallsu ben €200 ghar-rapport peritali kwindi l-ammont likwidat ta' €600 huwa in effetti €400 li lanqas jkopru l-ammont rikjest sabiex wiehed jinkariga persuna sabiex taqla' u tarmi l-imsemmi madum".*

Il-qorti tosserva li jekk l-atturi qeghdin jirreferu ghar-rapport tal-perit tekniku nkarigat mit-Tribunal, l-ispejjez tal-perizja huma parti mill-ispejjez gudizzjarji u li skond is-sentenza tat-Tribunal ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut.

Il-perit tekniku nkarigat mit-Tribunal[3] irrelata li:

i. Ra madum li tpogga fl-entrata, salott, u f'parti mill-kcina;
ii. Il-madum gie mqieghed b'mod li fis-sengha tat-tqeghid tal-madum mhux skond is-sengha u l-arti;
iii. Hemm diversi postijiet fejn il-fili bejn il-madum, m'huwiex uniformi. Meta jinghata l-*grouting*, id-difett jimmanifesta ruhu;
iv. Hemm numru ta' madum li m'huwiex *'invellat kif suppost'*. Ghalhekk hemm xi madum li ghandu t-truf tieghu iktar 'il fuq mill-madum ta' ma gembu;
v. Qtugh ta' madum mal-hitan sar b'mod mhux unit;

Fl-ebda stadju l-atturi ma taw raguni ghalfejn hallew lill-konvenut ikompli bix-xoghol meta kienu qeghdin jaraw il-kwalita' ta' xoghol li kien qieghed jaghmel. Fil-kontro-ezami l-attrici qalet:

*"Mistoqsija ghalfejn jien ma waqqaftx lil David Borg milli jkompli x-xoghol gewwa dari, hu kien ghamel xi 15 il-gurnata hemmhekk u nghid illi fil-fatt jien u zewgi konna waqqafnih".*

It-twegiba ma' tindirizzax id-domanda. Hu minnu li l-atturi waqqfu lill-konvenut milli jkompli bix-xoghol, pero waqfuh meta kien diga' twahhal il-parti l-kbira tal-madum. Jirrizulta li nxtara 55 metri kwadru ta' madum u skond il-perit tekniku l-konvenut lahaq pogga cirka 36.89 metri kwadri[4]. L-istess attrici kompliet tixhed:

---

[3] In-nomina saret waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju 2011. Sfortunatament il-qorti tinnota nuqqas ta' direzzjoni lill-perit tekniku. Tant hu hekk li mir-rapport jidher li fehem li l-pretensjoni tal-atturi kienet ta' danni morali.
[4] Ara twegibiet in eskussjoni.

*"Nghid ukoll li meta gbidt l-attenzjoni lil David Borg dwar il-hnizrija ta' madum kif impoggi hdejn il-hajt, hu kien ighidli li bl-iskirting kollox jissolva. Nghid illi l-iskirting ahna ma xtrajnihx mill-ewwel u xtrajnih wara x-xoghol ikrah li ghamel David Borg".*

It-tqeghid tal-madum hdejn il-hitan ma sarx f'darba. Zgur li ma kull gurnata xoghol, l-atturi kienu qeghdin jaraw b'ghajnejhom il-kwalita' tax-xoghol. Wara kollox huma baqghu jghixu fl-istess dar fejn sar ix-xoghol. Sahansitra huma stess ikkonfermaw li kien hemm drabi fejn geghelu lill-konvenut jibdel madum li kien diga' tpogga. Sahansitra rrizulta wkoll li waqt li kienu ghaddejjin ix-xogholijiet, kien hemm xoghol iehor li l-appellanti kkummissjonaw lill-appellat biex jaghmel. Jidher pero' li wara li tlesta l-parti kbira tax-xoghol l-atturi ddecidew li jwaqqfu lill-konvenut. Pero' l-affarijiet ma jsirux hekk. F'dan ir-rigward il-qorti tirreferi:-

i. Ghal dik il-parti tad-deposizzjoni tal-attrici, in kontro-ezami, fejn qalet:-

   *"Ghalkemm David kien lesta l-maggor parti tax-xoghol lilu nkarigat qabel waqqafnieh, nghid illi jien kont mill-bidunett nghidlu bl-izbalji, pero' hu kien jirrispondini li kollox ser jittranga bil-grouting. Nikkonferma li David Borg ghamel parti mill-madum imqieghed bil-grouting, allura ma stajtx nara r-rizultat".*

   Il-*grouting* ma kien ser isolvi xejn, ghaliex jekk l-ispazju bejn maduma u ohra ma kienx l-istess, dan id-difett kien ser jibqa' rrispettivament mill-*grouting*. Dan hu ovvju wkoll ghal min m'huwiex tas-sengha. Madankollu l-qorti tikkoncedi li d-difett ta' nuqqas ta' uniformita' bejn maduma u ohra, immanifesta ruhu iktar meta sar il-*grouting*.

ii. Jekk kif qalet l-attrici l-iskirting inxtara *"... wara x-xoghol ikrah li ghamel David Borg"*, ifisser biss li f'dak l-istadju accettaw li d-difett jigi rimedjat b'dak il-mod. M'ghandux ikun li wara l-atturi jibdlu l-fehma taghhom. Ovvjament dan ma jfissirx li x-xoghol li ghamel il-konvenut kien skond is-sengha u l-arti u l-ispejjez relatati mal-iskirting ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut[5].

Wara li l-qorti rat l-atti m'hijiex tal-fehma li kien hemm provi li kellhom jikkonvincu lit-Tribunal li x-xoghol li ghamel il-konvenut tant kien ta' kwalita inferjuri li l-uniku rimedju disponibbli kien li l-madum jinqala' kollu u jerga' jitpogga mill-gdid. Mill-verbal tal-ahhar seduta jidher li l-appellanti bidlu l-madum. Ovvjament kellhom kull dritt jaghmlu hekk. Pero' din m'hijiex prova li effettivament kien hemm bzonn li jinbidel il-madum kollu li pogga l-konvenut. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li:-

[5] Waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2011, l-atturi ddikjaraw li kienu hallsu s-somma ta' €140 bhala depozitu ghax-xiri tal-iskirting. Skond Dok. EB8 jidher li l-ordni saret wara li l-konvenut kien beda x-xoghol.

i. Il-perit tekniku kkonferma li jistgħu *"…. jiġu rettifikati xogħolijiet oħra li fl-opinjoni tal-esponenti ma jissodisfawx il-kriterji mixtieqa"*[6].

ii. Mir-rapport tal-perit tekniku m'huwiex possibbli li wieħed jikkonkludi kemm kienet gravi l-problema relatata mal-ispazju bejn maduma u oħra. Mistoqsi in eskussjoni biex jgħid fejn kien hemm dan id-difett, wieġeb b'ton urtat: *"L-esponent ma ġiex inkarigat joqgħod igħodd id-difetti, lanqas huwa dispost li jagħmel dan, u meta fir-rapport irrelata, l-esponenti kien qiegħed jikkunsidra x-xogħolijiet fit-totalita tagħhom"*. L-istess fir-rigward ta' madum li ġie deskritt bħala *"mhux invellat"*.

Jibqa' 'l fatt li x-xogħol kien fih difett manifest ta' nuqqas ta' kwalita' fit-tqegħid. Wara li l-qorti qieset dak kollu li ngħad hawn fuq hi tal-fehma li jkun iktar ekwu li d-danni li għandhom jitħallsu lill-atturi jkunu fis-somma ta' elf u mitt ewro (€1,100). Il-qorti hi tal-fehma li s-somma ta' sitt mitt ewro (€600) hi konservattiva wisq meta tqies dak li rrelata l-perit tekniku u li l-kuntrattur għandu dejjem l-obbligu li jiggarantixxi li l-bonta' tax-xogħol tiegħu.

**<u>Appell Incidentali</u>**.

Min-naħa tiegħu l-konvenut ilmenta li:

1. ***Dwar iċ-ċaħda tas-sottomissjoni tal-konvenut illi l-atturi appellanti m'ottemprawx irwieħhom ma' dak li jiddisponi l-Artikolu 79 tal-Kap 378[7] tal-Liġijiet ta' Malta u kwindi skont il-konvenut huma ma setgħux jieħdu l-beneficcji tar-rimedji minnhom mitluba***.

   Għar-raġuni li diġa' ngħatat hawn fuq l-Artikolu 79 ma japplikax għall-każ in eżami.

2. ***Dwar l-aggravju li ġiet miċħuda eċċezzjoni ulterjuri u sottomissjoni li l-atturi appellanti ma kellhomx leġittimazzjoni attiva fil-proċeduri minnhom istitwiti billi ma kinux huma li xtraw il-madum in kwistjoni iżda l-kumpanija Schranz Limited***.

   Jirriżulta li l-konvenut kien ta eċċezzjoni ulterjuri fis-sens li l-atturi m'humiex leġittimi kontradittturi għaliex il-madum ma kienx inxtara minnhom. Dan l-aggravju hu mingħajr bażi peress li għal finijiet ta' din il-kawża r-relazzjoni ġuridika hi bejn il-kontendenti. L-obbligu tal-konvenut li jagħmel xogħol skond is-sengħa u l-arti hu fil-konfront tal-atturi u mhux ta' terzi. L-atturi jippretendu

---

[6] Tweġiba in eskussjoni għad-domanda: *"Ngħid sew li f'kull każ, jekk dan kellu jitqies bħala nuqqas, seta' jirranġa billi tinqata l-biċċa madum li hemm fuq is-soll tad-WC ?"*.

[7] *"(1) Sabiex ikun jista' jikseb benefiċċju mir-rimedji disponibbli taħt din it-Taqsima, konsumatur għandu javża lill-kummerċjant bil-miktub b'kull nuqqas ta' konformita' fi żmien xahrejn mid-data meta l-konsumatur ikun intebaħ b'dak n-nuqqas ta' konformita"*.

d-danni minhabba x-xoghol hazin li ghamel il-konvenut, fosthom il-prezz tal-madum. Irrispettivament minn min xtara l-madum[8], mill-provi rrizulta li kien sar ftehim bejn Schranz Limited u l-atturi li bih l-atturi huma obbligati li jhallsu lura l-prezz ghax-xiri tal-madum (ara affidavit ta' Joseph Schranz). Ghalhekk fl-ahhar mill-ahhar jekk hemm xi danni x'jigu likwidati minhabba li nxtara madum li tpogga mhux skond is-sengha u l-arti, dawn sofrewhom l-atturi u mhux Schranz Limited.

Il-qorti tikkonkludi li l-appell incidentali hu frivolu u ser tikkundannah ihallas penali ta' tlett mitt ewro (€300) [Artikolu 22(5) tal-Kap. 378].

**Ghal dawn il-motivi l-qorti:-**

1. **Tvarja s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur tas-16 ta' Mejju 2013 fis-sens li d-danni li l-konvenut ghandu jhallas lill-atturi huwa fis-somma ta' elf u mitt ewro (€1,100). Ghal kumplament tikkonferma s-sentenza. Spejjez a karigu tal-konvenut Borg.**
2. **Tichad l-appell incidentali u peress li tqies li hu frivolu timponi penali fuq il-konvenut fl-ammont ta' tlett mitt ewro (€300). Spejjez ta' dan l-appell a karigu tal-konvenut.**

Anthony Ellul.

---

[8] Hu evidenti li n-negozju sar f'isem Schranz Limited sabiex imbaghad tigi rkuprata t-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud li thallset fuq il-madum.